MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 474/2013

Il-Pulizija

(Spettur Louise Calleja)

vs

**Joseph Balzan**

iben Philip, imwieled Pieta', fit-3 ta' Awwissu, 1967, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 333867(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Joseph Balzan quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Jannar 2013 sa Gunju 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Jacqueline Balzan u/jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati fuq nuqqas ta' provi u ghaldaqstant illiberatu minn kull akkuza migjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali tas-6 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, li kienet l-ewwel seduta f'dan il-kaz, il-Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha fin-nuqqas tax-xhieda ta' Jacqueline Balzan u dan f'kuntest fejn l-ufficcjal prosekutur ma rrinunzjatx ghal din ix-xhud li kienet xhud indispensabbli ghall-prosekuzzjoni. B'hekk id-dritt tal-Pulizija li ggib provi indispensabbli sabiex isahhah l-akkuzi taghha gie mittifies. Illi x-xhieda ta' Jacqueline Balzan kienet determinanti ghal dan il-kaz u dan ghaliex Jacqueline Balzan li hija l-parti leza kellha tixhed sabiex tikkonferma li zewgha kien naqas milli jaghtiha l-manteniment ghall-perjodu ndikat fl-akkuza, kif ukoll tipprezenta d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) relevanti ghal kaz taghha. Illi din ix-xhieda kienet ghaldaqstant xhieda determinanti u indispensabbli f'dan il-kaz.

Illi jirrizulta mill-atti li waqt is-seduta l-prosekuzzjoni kienet sejjhet lil Jacqueline Balzan, li meta giet imsejjha ma dehritx. Illi jirrizulta mill-atti li Jacqueline Balzan kienet giet notifikata ai termini tal-Artikoli 362(1) u 365. Illi fl-atti hemm ezebita ukoll kopja ta' din ir-referta (inserita a fol 3) liema riferta giet ezebita mill-prosekuzzjoni u ghaldaqstant jirrizulta bic-car li l-pulizija kienet pruvat tinnotifika lil Jacqueline Balzan u dan ghaliex kellha interess li tixhed din ix-xhud.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Joseph Dougall***[1] il-Qorti kienet irriteniet illi *"Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

*tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta."*

Illi *in oltre* kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Monica Schranz***[2] deciza fil-21 ta' Frar 1997 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, *"L-ezebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva."*

Illi l-esponent isibha difficli jifhem kif il-Qorti ghazlet li tghaddi minnufih ghas-sentenza u dan minkejja li Jacqueline Balzan kienet notifikata u minkejja li l-prosekuzzjoni ma rrinunzjatx ghax-xhieda taghha. Din ix-xhud bla dubju kienet xhud indispensabbli sabiex tigi pruvata l-akkuza migjuba kontra l-imputat appellat.

Illi l-esponent jghid b'kull rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, illi fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq imsemmija, il-Qorti kienet fid-dmir li tara li l-kaz jitkompla skond il-ligi u dan specjalment meta l-istess xhud kienet indispensabbli u ammissibli skond il-ligi. Illi differiment wiehed ma kienx ser jirreka pregudizzju lill-imputat. Mill-banda l-ohra pero billi l-Qorti ghaddiet minnufih ghas-sentenza, l-Qorti cahdet lill-prosekuzzjoni d-dritt ghal provi indispensabbli sabiex jigu pruvati l-akkuzi kontra l-appellat.

Illi, tali decizjoni ma kinitx ser timpingi wisq fuq is-sommarjeta tas-seduta konsiderando li din kienet l-ewwel seduta appuntata, allavolja kien ikun aktar deziderabbli li kieku l-procedura kollha nstemghet u inghalqet fl-istess seduta. Illi *in oltre* ma hemm xejn li jimpedixxi lil dik il-Qorti li tidiferixxi l-kawza ghal data ohra.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghad-dicitura tal-ligi senjatament fl-artikoli 374 u 375 tal-Kodici Kriminali f'liema artikoli mhuwiex specifikat b'ebda mod illi l-provi f'kawza sommarja iridu jinstemghu f'seduta wahda biss u dan peress li l-ligi tghid biss illi *''t-tmexxija tal-kawza ghandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni li gej ..."* kif preskritt fl-Artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll ghall-artikolu 375. Illi kwindi filwaqt li huwa rikonoxxut li kawza sommarja m'ghandix iddum tkaxkar inutilment (ergo it-terminu sommarja) il-ligi ma tispecifikax li kull prova trid bilfors tinstema' f'darba wahda allavolja hekk ikun desiderabbli.

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D. fil-21 ta' Frar 1997

Rat ir-risposta tal-appellat tat-2 ta' Jannar, 2014.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-udjenza tal-25 ta’ Frar, 2014 l-imputat appellat hallas seduta stante l-flus kollha dovuti lil martu Jacqueline Balzan.

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali appellant jirrigwarda l-fatt li l-prosekuzzjoni ma thalliet tipproduci provi li kienu ndispensabbli ghaliha biex tipprova l-kaz taghha. Fil-fattispecie, l-appellant qed jilmenta li l-parte civile kienet notifikata regolarment u ir-referta ta' l-istess gie ezebita fl-atti ta' din il-kawza. L-ewwel Qorti ma tatx kaz ta' dan il-fatt u ghaddiet ghas-smiegh tal-kawza u eventwali sentenza.

Illi f'dan il-kaz hu mportanti li wiehed janalizza x'gie verbalizzat fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013, seduta fejn instemghu l-provi u inghatat is-sentenza. Il-verbal ta' dik is-seduta jghid testwalment:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Sylvana Briffa u l-imputat assistit minn Dr. Mario Caruana.
Il-paret civile giet imsejha tlett (3) darbiet u ma deheritx.
Il-Prosekuzzjoni ezebit id-dokumenti u ghalqet.
Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.
Kawza deciza."

Minn dan il-verbal fl-ewwel lok jemergi li ghalkemm ir-referta tal-parte civile tinsab in atti ma gie verbalizzat xejn. Fit-tieni lok min imkien ma jirrizulta li l-prosekuzzjoni ghamlet xi talba lill-Qorti biex tinstema l-parte civile, wisq anqas ma gie mitlub differiment biex din il-

kawza tithalla ghal data ohra. Hu car li ghal prosekuzzjoni l-ezebizzjoni tad-dokumenti kien bizzejjed. Min-naha l-ohra hu car li x-xhieda tal-parte civile kienet essenzjali ghal dan il-kaz izda minn kif gie redettat il-verbal tal-kawza dan il-fatt ma johrogx car. Anzi, il-fatt li fil-verbal hemm miktub li l-Prosekuzzjoni ghalqet ma tista' tiftiehem hlief li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi xi tressaq wisq anqas li ghamlet xi riserva ghas-smiegh ta' xi xhud partikolari. Il-verbal hu l-vangelu tal-kawza u kwalunkwe fatt li gara fil-kawza li wahda mill-partijiet mhiex sodisfatta bih ghandu jsib ruhu verbalizzat fl-atti tal-kawza. Fuq kollox, il-Qorti kien ikollha tivverbalizza l-lanjanza tal-Prosekuzzjoni kieku din saret. Dan ma jirrizulta min imkien.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------